IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.2.2016
COM(2016) 78 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2016/000 TA 2016 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-regoli li japplikaw għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[1] (Ir-"Regolament dwar il-FEG").

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta ewlenija:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	FEG/2016/000
Il-Kummissjoni Ewropea	Assistenza teknika
Nefqa amministrattiva: baġit f'EUR	380 000
% tan-nefqa amministrattiva (limitu: 0,5 %)	0,23 %

Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, massimu ta' 0,5 % tal-ammont annwali massimu tal-FEG jista' jiġi magħmul disponibbli kull sena għal għajnuna teknika.

Għajnuna teknika li se tkun iffinanzjata u analiżi tal-ispejjeż stmati tagħha

1. Il-kontribuzzjoni se tintuża għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 11(1) u (4) kif ukoll fl-Artikolu 12(2), (3) u (4) tar-Regolament dwar il-FEG, kif spjegat hawn taħt.

2. Monitoraġġ u ġbir ta' dejta: Il-Kummissjoni se tiġbor id-dejta dwar l-applikazzjonijiet li jkunu waslulha, dwar dawk imħallsa u dawk ta' stralċ, u dwar il-miżuri proposti u implimentati. Din id-dejta se tkun disponibbli fuq is-sit elettroniku u se tkun kompilata f'format xieraq għar-Rapport Biennali tal-2017. Abbażi tal-ħidma li saret tul dawn l-aħħar snin, l-ispejjeż għal din l-attività se jkunu ta' EUR 20 000.

3. Informazzjoni: Is-sit elettroniku dwar il-FEG[2], li ħolqot il-Kummissjoni fil-qasam tagħha tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, u li qed tiġġestih kif meħtieġ skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament dwar il-FEG, se jiġi aġġornat u żviluppat b'mod regolari, u kull element ġdid se jkun tradott ukoll fil-lingwi kollha tal-UE. Se tiżdied is-sensibbilizzazzjoni ġenerali dwar il-FEG u l-viżibilità tiegħu se tiġi promossa. Il-FEG se jiġi kopert f'diversi pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjoviżivi tal-Kummissjoni, kif stipulat fl-Artikolu 11(4) tar- Regolament dwar il-FEG. Huwa stmat li dawn il-partiti kollha se jiswew EUR 20 000 fl-2016.

4. Il-ħolqien ta' bażi tal-għarfien / interfaċċja tal-applikazzjoni: Il-Kummissjoni qiegħda tkompli bil-ħidma tagħha biex tistabbilixxi proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet u l-ġestjoni tal-FEG, bl-użu tal-funzjonalitajiet tal-SFC 2014[3], li fiha qed jiġi integrat. Dan jippermetti li l-applikazzjonijiet skont ir-Regolament dwar il-FEG ikunu ssimplifikati, li l-ipproċessar tagħhom isir b'mod aktar mgħaġġel u li r-rapporti jkunu jistgħu jiġu estratti aktar faċilment għal diversi ħtiġijiet. It-tħejjija u l-irfinar tal-modulu għal rapporti finali li jagħlqu l-implimentazzjoni tal-kull każ tal-FEG se jkunu l-prijorità tas-sena, bl-objettiv li jitħaffef il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u li l-każijiet tal-FEG jiġu integrati skont ir-Regolament attwali fl-SFC mill-bidu sal-aħħar. Huwa stmat li l-ispiża għal dawn il-partiti hija ta' EUR 100 000,

[1] [1]ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

[2] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=326&langId=mt

[3] https://ec.europa.eu/sfc/en/2014/about-sfc2014

u dan huwa l-kontribut tal-FEG għall-iżvilupp u l-manutenzjoni regolari tal-SFC. Huwa mistenni li se jkun hemm bżonn li dan il-livell ta' kontribuzzjonijiet jinżamm għal sena oħra, sabiex il-moduli kollha tal-FEG fl-SFC ikunu jistgħu jinbnew, u li wara dan l-ispiża tonqos, minħabba li l-enfasi prinċipali se tkun fuq il-manutenzjoni.

5. Appoġġ amministrattiv u tekniku: Il-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, b'membru wieħed minn kull Stat Membru, se jkun qed isejjaħ żewġ laqgħat (fi tmiem l-2016 / l-ewwel nofs tal-2017), li flimkien huma stmati li se jiswew EUR 70 000.

6. Barra minn hekk, sabiex jiġi promoss in-netwerking fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni se torganizza żewġ seminars bil-parteċipazzjoni ta' korpi ta' implimentazzjoni u imsieħba soċjali tal-FEG. Sa fejn ikun possibbli, dawn se jkunu skedati li jsiru bejn wieħed u ieħor fl-istess dati tal-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti u se jiffukaw fuq kwistjonijiet li jinbtu mill-implimentazzjoni prattika tar-Regolament tal-FEG fil-livell ta' bażi. L-ispiża għal dawn is-seminars hija stmata li se tkun EUR 120 000.

7. Evalwazzjoni: L-akkwist pubbliku għall-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu se jitlesta fl-2015, bil-ħsieb li l-evalwazzjoni tiġi konkluża sat-30 ta' Ġunju 2017, (kif meħtieġ mill-Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament dwar il-FEG). Għall-2016 ġie allokat baġit ta' EUR 50 000 għall-finalizzazzjoni, it-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni tar-rapport qabel dan jiġi ppreżentat f'nofs l-2017. L-ebda nefqa ta' evalwazzjoni mhi se tkun ibbaġitjata fl-2017.

Partiti	**Għadd stmat**	**Spiża stmata għal kull partita (f'EUR)**	**Spejjeż totali (f'EUR)**
Monitoraġġ u ġbir tad-dejta	Varji	Varji	20 000
Attivitajiet ta' informazzjoni	Varji	Varji	20 000
Ħolqien ta' bażi ta' għarfien / interfaċċja tal-applikazzjoni fl-SFC	Varji	Varji	100 000
Appoġġ amministrattiv u tekniku: Laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG	2	35 000	70 000
Appoġġ amministrattiv u tekniku: Seminars ta' netwerking dwar l-implimentazzjoni tal-FEG	2	60 000	120 000
Evalwazzjoni	Varji	50 000	50 000
Total tal-ispejjeż stmati			**380 000**

Finanzjament

8. Il-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2016 huwa ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE,

Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[4].

9. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG jiddikjara li 0,5 % ta' dan l-ammont (jiġifieri EUR 828 060 fl-2016) jista' jiġi magħmul disponibbli għall-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Attwalment, l-ammont sħiħ għall-2016 għadu disponibbli; għadu ma ġie allokat xejn għall-għajnuna teknika. L-ammont propost jikkorrispondi għal madwar 0,23 % tal-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2016.

10. Id-deċiżjoni li ġiet proposta biex l-FEG jiġi mobilizzat se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[5].

Atti relatati

11. Fl-istess żmien li se tkun qed tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġu trasferiti EUR 380 000 fil-linja baġitarja rilevanti.

Sors tal-approprjazzjonijiet ta' pagament

12. Approprjazzjonijiet mil-linja baġitarja tal-FEG se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 380 000 meħtieġ għall-għajnuna teknika.

4 [4]ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

5 [5]ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2016/000 TA 2016 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[6], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[7], u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit biex jipprovdi sostenn lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li l-attivitajiet tagħhom ikunu waqfu b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009[8], jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u biex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 jistipula li kull sena jista' jintuża massimu ta' 0,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG għall-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

(4) Għaldaqstant, l-FEG għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 380 000 għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 380 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

---

6 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
7 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
8 ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*